MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1446/1998/1

**George Steven Zahra**

**vs**

**Stacey Jane Zahra nee O'Neil**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fis-26 ta' Gunju 1988, l-attur ipprezenta Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-konvenuta *ai termini* ta' l-**artikolu 877 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, sabiex iwaqqafha milli tiehu lil binthom minuri, Khadisha, barra minn Malta; sabiex il-minuri titnehha minn fuq il-passaport tal-konvenuta; sabiex tiddepozita l-passaport tal-minuri, jekk ikun il-kaz, fil-Qorti jew ma' awtorita` kompetenti ohra;

sabiex il-minuri ma titnizzilx fuq il-passaport tal-konvenuta; u sabiex ma jinharigx passaport ghall-minuri minghajr il-kunsens taz-zewg genituri.

Illi dan il-Mandat gie milqugh u akkordat provvizorjament fis-26 ta' Gunju 1998 minn din l-Onorabbli Qorti, kopja hawn annessa bhala Dok. "A";

Illi l-konvenuta, fl-24 ta' Ottubru 1997 harbet minn Malta bit-tifla minuri Khadisha lejn l-Ingilterra u l-attur kellu jiftah proceduri quddiem il-Qorti Ingliza fejn talab ir-ritorn tat-tifla lejn Malta;

Illi fil-21 ta' Mejju 1998 il-konvenuta giet ikkundannata mill-High Court of Justice ta' l-Ingilterra, sabiex tirritorna t-tifla Malta;

Illi minhabba biza` ta' l-attur li l-konvenuta terga` tahrab bit-tifla lejn l-Ingilterra, l-atturipprezenta 'l fuq imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tordna illi t-tifla minuri, Khadisha Zahra ma tithalliex tohrog minn Malta minghajr il-permess ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Tordna lill-konvenuta tiddepozita l-passaport tal-minuri, jekk ikun il-kaz, ma' din l-Onorabbli Qorti jew ma' awtorita` kompetenti ohra li jidhrilha opportuna li tinnomina din il-Qorti;

3. Tordna lid-Direttur tal-Passaporti sabiex il-minuri ma titnizzilx fuq il-passaport tal-konvenuta;

4. Tordna lid-Direttur tal-Passaporti sabiex ma jinharigx passaport ghall-minuri minghajr il-kunsens taz-zewg genituri;

5. Tordna lid-Direttur tal-Passaporti sabiex inehhi lit-tifla minuri minn fuq il-passaport tal-konvenuta jekk dan hu il-kaz.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 2378/98 kontra l-konvenuta minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u dokumenti a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol.13 tal-process fejn eccepiet illi:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* li kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ma tezisti l-ebda biza` li l-eccipjenti ser tohrog lit-tifla minuri barra mill-pajjiz illegalment.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenuta a fol.13 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Gunju 1999; tal-14 ta' Dicembru 1999; tal-1 ta' Frar 2000; tal-25 ta' Frar 2000; tat-22 ta' Mejju 2000; tat-22 ta' Novembru 2000; tat-23 ta' Jannar 2001; tal-10 ta' Mejju 2001; tal-20 ta' Gunju 2001; tal-21 ta' Novembru 2001; tat-22 ta' Jannar 2002; tad-9 ta' April 2002; tal-1 ta' Ottubru 2002;

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Stacey Anne Zahra vs George Zahra"** (A.C. (JSP) (CAA) (JDC) datata 31 ta' Lulju 2000 fejn gie deciz illi d-decizjoni tal-Ewwel Qorti tigi affermata nkluz *inter alia* li l-istess minuri ma ghandhiex tittiehed barra minn Malta minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti u dan dejjem fl-interess tal-istess minuri li ddetermina li dan jista' jigi ahjar servut jekk l-istess minuri tirresjedi abitwalment f'dawn il-gzejjer Maltin.

Rat in-nota ta’ l-attur li biha gie pprezentat l-affidavit tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-1 ta’ April 2003;

Rat in-nota tal-attur li biha pprezenta l-affidavit tieghu bil-lingwa Ngliza;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Gunju 2003 fejn il-Qorti pprefiggiet zmien ghall-prezentata ta’ nota konguntiva; u tal-15 ta’ Ottubru 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Novembru 2003.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) IL-VERTENZA ODJERNA.

Illi din hija kawza fejn missier qed jitlob li l-minuri bint ukoll il-konvenuta ma tithalliex issiefer minn dawn il-gzejjer. Illi din il-kawza hija konsegwenti ghall-Mandat ta’ Inibizzjoni (Nru 2387/98) fl-ismijiet premessi li gie degretat fis-26 ta’ Gunju 1998.

Illi min-naha taghha l-konvenuta eccepiet illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti peress illi ma tezisti l-ebda biza’ li hija se tohrog lit-tifla minuri barra mill-pajjiz illegalment.

### (ii) PROVI PRODOTTI.

Illi fl-affidavit tieghu l-**attur** ghamel referenza ghal dak li xehed fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-31 ta’ Lulju 2000. Huwa xehed li l-konvenuta li hi ta’ nazzjonalita’ Ngliza kienet ilha tghix Malta mill-1991. Huma zzewgu fis-16 ta’ Gunju 1996 u damu biss (14) erbatax-il xahar mizzewgin. Minn dan iz-zwieg twieldet bint bl-isem, Khadisha, fis-7 ta’ Settembru 1994.

Illi huwa qal illi z-zwieg taghhom spicca meta l-konvenuta harbet bit-tifla lejn l-Ingilterra fl-24 ta’ Ottubru 1997. Huwa rrakkonta li meta dakinhar mar lura d-dar mix-xoghol induna li l-affarijiet tal-mara u tat-tifla ma kienux fid-dar. Fil-ghaxija l-mara cemplitlu biex tghidlu li hi u t-tifla kienu l-Ingilterra u li ma kienux gejjin lura. Huwa ma setax jifhem ghalfejn martu kienet telqet pero’ ghadda minn tbatija kemm emozzjonali kif ukoll b’mod finanzjarju.

Illi fl-14 ta’ Novembru 1997 tela’ l-Ingilterra biex jarahom u ma setghux jaslu fi ftehim dwar il-kura u l-kustodja tat-tifla. Huwa b’hekk fetah il-proceduri fl-Ingilterra u l-High Court of Justice, Family Division, Manchester District Registry fis-sentenza taghha tal-21 ta’ Mejju 1998 iddecidiet li dan kien kaz ta’ *abduction* u ordnat li t-tifla kellha tirritorna Malta. Meta t-tifla rritornat Malta nfethu proceduri quddiem il-Qrati Maltin u fil-31 ta’ Lulju 2000 l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti billi ddecidiet li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tkun kongunta.

Illi huwa fetah ukoll il-kawza odjerna peress li beza’ u ghadu jibza’ li l-mara terga’ tahrab bit-tifla. It-tifla ghandha *dual citizenship* izda dejjem ghexet Malta hlief ghall-perjodu li ghamlet l-Ingilterra meta giet mahtufa minn ommha. It-tifla ghandha tmien (8) snin u tattendi skola primarja. Hija qeghda mnizzla fuq il-passaport t’ommha. L-attur ippreciza li r-relazzjoni bejnu u bejn martu mhix wahda tajba.

**<u>(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi jinghad fl-ewwel lok illi l-konvenuta ghalkemm moghtija kull opportunita’ biex tressaq il-provi taghha xorta wahda baqghet ma ressqet xejn.

Illi fl-atti processwali giet ukoll esebita s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-31 ta’ Lulju 2000 fl-ismijiet **“Stacey Jane Zahra vs George Zahra”** (1206/98/GC) li kienet titratta dwar il-kura u l-kustodja tat-tifla u li titfa’ wkoll dawl fuq is-sitwazzjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti.

Illi fl-ewwel lok jinghad li kemm mix-xhieda ta’ l-attur kif ukoll mis-sentenza msemmija jirrizulta li l-konvenuta, ghar-ragunijiet taghha, iddecidiet li ma riditx toqghod aktar Malta ma’ zewgha u qabdet u telqet bit-tifla lejn l-Ingilterra bil-mohbi ta’ zewgha.

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell semghet ix-xhieda kollha dwar x’setghu kienu l-problemi matrimonjali, dwar il-karattru tal-genituri nnifishom kif ukoll ir-relazzjoni li huma ghandhom ma’ binthom. L-Ewwel Qorti hatret ukoll *psychologist* li analizzat is-sitwazzjoni u rat kif dan kollu kien qed jaffetwa lit-tifla u x’inhu fl-interess ta’ l-istess tifla. Dr. Mariella Blackman ikkonkludiet is-segwenti: *“… in the best interest of the child and given that Khadisha needs a stable background with both parents present, joint care and custody should be given to both parents”* u l-Ewwel Qorti hekk ghamlet u dan gie kkonfermat fl-Appell.

Illi l-omm stess f’dawk il-proceduri qalet li x-xewqa taghha hi li tmur l-Ingilterra pero’ li ghall-gid tat-tifla kienet lesta toqghod Malta. Infatti t-tifla f’Malta ghandha hajja stabbli.

Illi kwindi wara li gie stabbilit li hu fl-interess suprem tal-minuri li toqghod Malta jinghad li l-biza’ tal-missier tirrizulta li hi wahda legittima, gustifikata u reali kemm ghax it-tifla qeghda fuq il-passaport t’ommha, kif ukoll ghax l-omm diga’ harbet biha meta kellha l-opportunita’. L-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell iddecidiet li t-tifla ma tistax tinhareg minn dawn il-gzejjer, minn wiehed mill-genituri, minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti.

Illi apparti li dan il-punt gja’ jinsab deciz, u din il-Qorti ma hijiex qed tigi mitluba sabiex b’xi mod tvarja l-istess, anzi fl-isfond tal-istess decizjoni jidher li huwa fl-interess tal-istess minuri li l-istess talbiet attrici odjerni jigu milqugha u dan sakemm xi parti tigi awtorizzata tiehu lill-minuri barra minn Malta b’Digriet jew Decizjoni *ad hoc* tal-Qorti kompetenti Maltija, u biss ghar-ragunijiet u ghat-termini li jigu specifikati fl-istess decizjoni, u l-Qorti tordna li ghal dan l-iskop kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata u notifikata kemm lill-Ufficjal tal-Passaporti sabiex jassigura

l-istess u sabiex l-isem tal-istess minuri ma jiddahhalx fil-passaport tal-ebda wiehed mill-kontendenti u kemm lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex kull wiehed jara u jizgura li l-istess minuri ma jithalliex jittiehed barra minn Malta, hlief fuq decizjoni tal-Qorti kompetenti Maltija, komunikata lilu skond il-ligi.

Illi din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tittiehed wara l-istess decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell bejn il-partijiet odjerni ghaliex huwa fl-interess suprem ta' l-istess minuri li fis-sitwazzjoni prezenti il-minuri m'ghandhiex tittiehed 'il barra mill-gurisdizzjoni taghha hlief b'ordni tal-Qorti kompetenti kif gja' deciz u kif hawn qed jigi kkonfermat.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tilqa' t-talbiet** attrici biss bil-mod hawn deciz b'dan illi:-

1. Tordna illi t-tifla minuri Khadisha Zahra ma tithallix tohrog minn Malta minghajr il-permess moghti mill-Qorti kompetenti Maltija u biss fit-termini u ghall-iskop indikat fl-istess ordni jew decizjoni.

2. Tordna lill-konvenuta tiddepozita l-passaport tal-minuri ma' din il-Qorti fir-registru ta' din il-Qorti u fl-atti ta' dawn il-proceduri;

3. Tordna lid-Direttur tal-Passaporti sabiex il-minuri ma titnizzilx la fuq il-passaport tal-konvenuta, u lanqas fuq dik tal-attur u lanqas jinhareg passaport f'isem l-istess minuri hlief b'ordni *ad hoc* tal-Qorti kompetenti li taghti l-permess lill-istess minuri tohrog minn dawn il-Gzejjer u dan dejjem fil-limiti tal-istess decizjoni tal-Qorti kompetenti.

4. Tordna lid-Direttur tal-Passaporti sabiex ma jinharigx passaport ghall-minuri minghajr il-kunsens taz-zewg genituri u biss konsegwenti ghall ordni tal-Qorti

kompetenti komunikata lilu formalment mill-istess Awtoritajiet gudizzjarji;

5. Tordna lid-Direttur tal-Passaport sabiex inehhi lit-tifla minuri minn fuq il-passaport tal-konvenuta u jizgura li l-istess minuri ma tigix inkluza fil-passaport ta’ wiehed mill-kontendenti hlief b’ordni tal-Qorti kompetenti komunikata lilu formalment kif gja’ nghad.

6. Tordna illi b’effett tad-data tas-sentenza ta’ din il-Qorti l-effetti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni fuq imsemmi Numru 2387/98 jibqghu fis-sehh u dan sakemm xi parti ma tigix awtorizzata sabiex tiehu lill-minuri Khadisha Zahra barra minn Malta b’Digriet jew Decizjoni *ad hoc* tal-Qorti kompetenti Maltija, u biss ghar-ragunijiet u ghat-termini li jigu specifikati fl-istess decizjoni, u l-Qorti tordna li ghal dan l-iskop kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici kemm lill-Ufficjal tal-Passaporti sabiex jassigura l-istess u sabiex l-isem tal-istess minuri ma jiddahhalx fil-passaport tal-ebda wiehed mill-kontendenti u kemm lill-Kontrollur tad-Dwana u lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaraw u jizguraw li l-istess minuri ma tithalliex tittiehed barra minn Malta, hlief fuq decizjoni tal-Qorti kompetenti Maltija, komunikata lilu/lilhom skond il-ligi.

7. Tordna li kopja legali ta’ din is-sentenza tigi komunikata u notifikata a spejjez attrici u kif inghad kemm lill-Ufficjal tal-Passaporti sabiex jassigura li jibqghu jsehhu l-effetti tal-Mandat imsemmi fit-termini hawn imposti u sabiex l-isem ta’ l-istess minuri ma jiddahhalx fil-passaport tal-ebda wiehed mill-kontendenti u kemm lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex kull wiehed minnhom jara li l-istess minuri ma tithalliex jittiehed barra minn Malta, hlief fuq decizjoni tal-Qorti kompetenti, komunikata lilu skond il-ligi.

Il-Qorti tordna li kopja awtentika ta’ din is-sentenza tigi notifikata *tramite* d-Direttur Generali a spejjez ta’ l-attur lill-ufficjal inkarigat mill-Ufficju tal-Passaporti, u lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Kontrollur tad-Dwana.

Bl-ispejjez, hlief dawn tan-notifiki fuq indikati, komprizi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni mahrug fis-26 ta’ Gunju 1998 Numru 2387/98 kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------